REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1190

tal-15 ta' Lulju 2021

li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tar-rekwiżiti tad-*data* għas-suġġett "użu tal-ICT u kummerċ elettroniku" għas-sena ta' referenza 2022, skont ir-Regolament (UE) 2019/2152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/2152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar l-istatistika Ewropea tan-negozju, li tħassar 10 atti legali fil-qasam tal-istatistika tan-negozju ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1) u l-Artikolu 17(6) tiegħu,

Billi:

(1) Biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni korretta tas-suġġett "Użu tal-ICT u kummerċ elettroniku" mniżżel fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/2152, il-Kummissjoni jenħtieġ tispeċifika l-varjabbli, l-unità tal-kejl, il-popolazzjoni statistika, il-klassifikazzjonijiet u l-analiżijiet, u l-iskadenzi għat-trażmissjoni tad-*data* biex tipproduċi *data* dwar l-użu tal-ICT u l-kummerċ elettroniku li tkun komparabbli u armonizzata bejn l-Istati Membri.

(2) L-Istati Membri jenħtieġ jipprovdu rapporti dwar il-metadata u l-kwalità għar-reġistri nazzjonali tal-istatistika tan-negozju u għall-istatistika kollha tan-negozju. Għalhekk, jeħtieġ jiġu definiti l-arranġamenti għal dawk ir-rapporti, u l-kontenut u l-iskadenzi tagħhom.

(3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għas-suġġett "Użu tal-ICT u kummerċ elettroniku", kif imsemmi fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/2152, l-Istati Membri għandhom jittrażmettu d-*data* skont l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tar-rekwiżiti tad-*data* għas-sena ta' referenza 2022 stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-rapport annwali dwar il-metadata għas-suġġett "Użu tal-ICT u kummerċ elettroniku", kif imsemmi fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/2152, għandu jiġi trażmess lill-Kummissjoni (Eurostat) sal-31 ta' Mejju 2022.

Ir-rapport annwali dwar il-kwalità għas-suġġett "Użu tal-ICT u kummerċ elettroniku", kif imsemmi fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/2152, għandu jiġi trażmess lill-Kummissjoni (Eurostat) sal-5 ta' Novembru 2022.

([1]) ĠU L 327, 17.12.2019, p. 1.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Lulju 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Speċifikazzjonijiet tekniċi tar-rekwiżiti tad-*data* għas-suġġett "użu tal-ICT u kummerċ elettroniku"

Obbligatorju/fakultattiv	Ambitu (filtru)	Varjabbli
Varjabbli obbligatorji	(i) għall-intrapriżi kollha:	(1) l-attività ekonomika ewlenija tal-intrapriża, fis-sena kalendarja preċedenti (2) l-għadd medju ta' impjegati u ħaddiema għal rashom, fis-sena kalendarja preċedenti (3) il-fatturat totali (bla VAT), fis-sena kalendarja preċedenti (4) l-għadd ta' impjegati u ħaddiema għal rashom jew il-persentaġġ tat-total tal-impjegati u tal-ħaddiema għal rashom li għandhom aċċess għall-Internet għal finijiet ta' negozju (5) ir-reklutaġġ ta' speċjalisti fl-ICT (6) l-għoti ta' xi tip ta' taħriġ għall-iżvilupp ta' ħiliet relatati mal-ICT lill-ispeċjalisti fl-ICT, fis-sena kalendarja preċedenti (7) l-għoti ta' xi tip ta' taħriġ għall-iżvilupp ta' ħiliet relatati mal-ICT lil impjegati oħra, fis-sena kalendarja preċedenti (8) l-ingaġġ jew it-tentattiv ta' reklutaġġ ta' speċjalisti fl-ICT fis-sena kalendarja preċedenti (9) it-twettiq tal-funzjonijiet tal-ICT (bħall-manutenzjoni tal-infrastruttura tal-ICT, l-appoġġ tas-software tal-uffiċċju, l-iżvilupp jew l-appoġġ ta' software/sistemi tal-ġestjoni tan-negozju u/jew ta' soluzzjonijiet tal-web, is-sigurtà u l-protezzjoni tad-*data*) mill-impjegati stess (fosthom impjegati tal-intrapriżi omm jew affiljati) fis-sena kalendarja preċedenti (10) it-twettiq tal-funzjonijiet tal-ICT (bħall-manutenzjoni tal-infrastruttura tal-ICT, l-appoġġ tas-software tal-uffiċċju, l-iżvilupp jew l-appoġġ ta' software/sistemi tal-ġestjoni tan-negozju u/jew ta' soluzzjonijiet tal-web, is-sigurtà u l-protezzjoni tad-*data*) minn fornituri esterni, fis-sena kalendarja preċedenti (11) L-użu ta' robots industrijali (12) L-użu ta' robots ta' servizzi (13) l-applikazzjoni ta' miżuri li jaffettwaw dan li ġej fl-intrapriża: L-ammont ta' karta użata għall-istampar u għall-fotokopji (14) l-applikazzjoni ta' miżuri li jaffettwaw dan li ġej fl-intrapriża: Il-konsum tal-enerġija tat-tagħmir tal-ICT (15) kunsiderazzjoni mill-intrapriża tal-impatt ambjentali tas-servizzi tal-ICT, jew tat-tagħmir tal-ICT (pereżempju l-konsum tal-enerġija) meta jagħżluhom (16) ir-rimi tat-tagħmir tal-ICT (bħal kompjuters, monitors, mowbajls) fil-ġbir/riċiklaġġ tal-iskart elettroniku (inkluż li l-bejjiegħ jitħalla jarmih) meta ma jibqax jintuża (17) iż-żamma tat-tagħmir tal-ICT (bħal kompjuters, moniters, mowbajls) fl-intrapriża meta ma jibqax jintuża (pereżempju biex jintuża għall-ispare parts, jew minħabba biża' li tiġi ddivulgata informazzjoni sensittiva) (18) il-bejgħ, ir-ritorn lil intrapriża tal-lokazzjoni jew l-għoti bla ħlas tat-tagħmir tal-ICT (bħal kompjuters, monitors, mowbajls) meta ma jibqax jintuża

Obbligatorju/fakultattiv	Ambitu (filtru)	Varjabbli
	(ii) għall-intrapriżi b'impjegati u b'ħaddiema għal rashom li għandhom aċċess għall-Internet għal finijiet ta' negozju:	(19) il-konnessjoni tal-Internet: l-użu ta' kwalunkwe tip ta' konnessjoni b'linja fissa (20) it-twettiq ta' laqgħat remoti (21) aċċess remot (b'kompjuters jew apparat portabbli bħal smartphones) lill-impjegati għas-sistema tal-email tal-intrapriża (22) aċċess remot (b'kompjuters jew apparat portabbli bħal smartphones) lill-impjegati għal dokumenti tal-intrapriża (bħal fajls, spreadsheets, preżentazzjonijiet, ċarts, ritratti) (23) aċċess remot (b'kompjuters jew apparat portabbli bħal smartphones) lill-impjegati għal applikazzjonijiet tan-negozju jew software tal-intrapriża (bħal aċċess għall-kontijiet, għall-bejgħ, għall-ordnijiet, għas-CRM (għajr l-applikazzjonijiet użati għall-komunikazzjoni interna)) (24) il-bejgħ bl-Internet ta' oġġetti jew servizzi fuq siti web jew apps (inkluż extranets), fis-sena kalendarja preċedenti (25) il-bejgħ bl-Internet ta' oġġetti u servizzi fuq siti web jew apps fis-suq tal-kummerċ elettroniku użati minn diversi intrapriżi għall-kummerċ ta' oġġetti jew servizzi, fis-sena kalendarja preċedenti (26) il-bejgħ tat-tip EDI (il-wasla tal-ordnijiet permezz ta' messaġġi ta' Skambju Elettroniku tad-*Data* (EDI)) ta' oġġetti jew servizzi, fis-sena kalendarja preċedenti (27) l-applikazzjoni tal-miżuri ta' sigurtà tal-ICT fuq is-sistemi tal-ICT tal-intrapriża: awtentikazzjoni b'password soda (bħal tul minimu, l-użu ta' numri u karattri speċjali, mibdula perjodikament) (28) l-applikazzjoni tal-miżuri ta' sigurtà tal-ICT fuq is-sistemi tal-ICT tal-intrapriża: awtentikazzjoni b'metodi bijometriċi użati għall-aċċess għas-sistema tal-ICT tal-intrapriża (bħal awtentikazzjoni bbażata fuq il-marki tas-swaba', il-vuċi, il-wiċċ) (29) l-applikazzjoni tal-miżuri ta' sigurtà tal-ICT fuq is-sistemi tal-ICT tal-intrapriża: awtentikazzjoni bbażata fuq kombinament ta' mill-inqas żewġ mekkaniżmi ta' awtentikazzjoni (jiġifieri kombinament ta' pereżempju password definita mill-utent, password ta' darba (OTP), kodiċi ġġenerat b'token tas-sigurtà jew riċevut fuq smartphone, metodu bijometriku (bħal awtentikazzjoni bbażata fuq il-marki tas-swaba', il-vuċi, il-wiċċ)); (30) l-applikazzjoni tal-miżuri ta' sigurtà tal-ICT fuq is-sistemi tal-ICT tal-intrapriża: kriptaġġ ta' *data*, dokumenti jew emails (31) l-applikazzjoni tal-miżuri ta' sigurtà tal-ICT fuq is-sistemi tal-ICT tal-intrapriża: backup tad-*data* f'post separat (inkluż backup fil-cloud) (32) l-applikazzjoni tal-miżuri ta' sigurtà tal-ICT fuq is-sistemi tal-ICT tal-intrapriża: kontroll tal-aċċess għan-network (ġestjoni tad-drittijiet tal-utenti fin-network tal-intrapriża) (33) l-applikazzjoni tal-miżuri ta' sigurtà tal-ICT fuq is-sistemi tal-ICT tal-intrapriża: VPN (Network Privat Virtwali, li jestendi n-network privat lejn network pubbliku biex ikun jista' jsir skambju sigur tad-*data* fuq in-network pubbliku); (34) l-applikazzjoni tal-miżuri ta' sigurtà tal-ICT fuq is-sistemi tal-ICT tal-intrapriża: sistema ta' monitoraġġ tas-sigurtà tal-ICT li tippermetti li tiġi identifikata attività suspettuża fis-sistemi tal-ICT u twissi lill-intrapriża dwarha, għajr is-software awtonomu kontra l-viruses (35) l-applikazzjoni tal-miżuri ta' sigurtà tal-ICT fuq is-sistemi tal-ICT tal-intrapriża: iż-żamma ta' log fajls li jippermettu analiżi wara inċidenti tas-sigurtà tal-ICT

Obbligatorju/fakultattiv	Ambitu (filtru)	Varjabbli
		(36) l-applikazzjoni tal-miżuri ta' sigurtà tal-ICT fuq is-sistemi tal-ICT tal-intrapriża: valutazzjoni tar-riskju tal-ICT, jiġifieri valutazzjoni perjodika tal-probabbiltà u tal-konsegwenzi tal-inċidenti tas-sigurtà tal-ICT (37) l-applikazzjoni tal-miżuri ta' sigurtà tal-ICT fuq is-sistemi tal-ICT tal-intrapriża: testijiet tas-sigurtà tal-ICT (bħat-twettiq ta' testijiet tal-penetrazzjoni, l-ittestjar tas-sistemi tat-twissija tas-sigurtà, ir-rieżaminar tal-miżuri ta' sigurtà, l-ittestjar tas-sistemi tal-backup) (38) taħriġ volontarju jew tagħrif disponibbli internament (bħal informazzjoni dwar l-intranet) biex l-impjegati jkunu konxji mill-obbligi tagħhom fi kwistjonijiet relatati mas-sigurtà tal-ICT (39) korsijiet tat-taħriġ obbligatorji jew ċertu materjal obbligatorju biex l-impjegati jkunu konxji mill-obbligi tagħhom fi kwistjonijiet relatati mas-sigurtà tal-ICT (40) kuntratt (bħal kuntratt tal-impjieg) biex l-impjegati jkunu konxji mill-obbligi tagħhom fi kwistjonijiet relatati mas-sigurtà tal-ICT (41) id-disponibbiltà ta' dokument(i) dwar miżuri, prattiki jew proċeduri tas-sigurtà tal-ICT, bħal dokumenti dwar is-sigurtà u l-kunfidenzjalità tad-*data* tal-ICT, li jkopru t-taħriġ tal-impjegati fl-użu tal-ICT, il-miżuri ta' sigurtà tal-ICT, l-evalwazzjoni tal-miżuri ta' sigurtà tal-ICT, il-pjanijiet għall-aġġornament tad-dokumenti tas-sigurtà tal-ICT (42) inċidenti tas-sigurtà relatati mal-ICT esperjenzati fis-sena kalendarja preċedenti li wasslu għall-konsegwenzi li ġejjin: indisponibbiltà ta' servizzi tal-ICT minħabba ħsarat fil-hardware jew fis-software (43) inċidenti tas-sigurtà relatati mal-ICT esperjenzati fis-sena kalendarja preċedenti li wasslu għall-konsegwenzi li ġejjin: indisponibbiltà ta' servizzi tal-ICT minħabba attakk minn barra, bħal attakki ta' ransomware, attakki ta' Ċaħda tas-Servizz (44) inċidenti tas-sigurtà relatati mal-ICT esperjenzati fis-sena kalendarja preċedenti li wasslu għall-konsegwenzi li ġejjin: qerda jew korruzzjoni ta' *data* minħabba ħsarat fil-hardware jew fis-software (45) inċidenti tas-sigurtà relatati mal-ICT esperjenzati fis-sena kalendarja preċedenti li wasslu għall-konsegwenzi li ġejjin: qerda jew korruzzjoni ta' *data* minħabba infezzjoni ta' software malizzjuż jew intrużjoni mhux awtorizzata (46) inċidenti tas-sigurtà relatati mal-ICT esperjenzati fis-sena kalendarja preċedenti li wasslu għall-konsegwenzi li ġejjin: divulgazzjoni ta' *data* kunfidenzjali minħabba intrużjoni, pharming, attakki ta' phishing, azzjonijiet intenzjonali mill-impjegati tagħhom stess (47) inċidenti tas-sigurtà relatati mal-ICT esperjenzati fis-sena kalendarja preċedenti li wasslu għall-konsegwenzi li ġejjin: divulgazzjoni ta' *data* kunfidenzjali minħabba azzjonijiet mhux intenzjonati mill-impjegati stess (48) attivitajiet relatati mas-sigurtà tal-ICT bħall-ittestjar tas-sigurtà, it-taħriġ fis-sigurtà tal-ICT, ir-riżoluzzjoni tal-inċidenti tas-sigurtà tal-ICT (għajr l-aġġornamenti ta' software f'pakkett) li jsiru minn impjegati tal-intrapriża stess (fosthom impjegati fl-intrapriżi omm jew affiljati) (49) attivitajiet relatati mas-sigurtà tal-ICT bħall-ittestjar tas-sigurtà, it-taħriġ fis-sigurtà tal-ICT, it-tiswija tal-inċidenti tas-sigurtà tal-ICT (għajr l-aġġornamenti ta' software f'pakkett) li jsiru minn fornituri esterni (50) id-disponibbiltà ta' assigurazzjoni għall-inċidenti tas-sigurtà tal-ICT

Obbligatorju/fakultattiv	Ambitu (filtru)	Varjabbli
	(iii) għall-intrapriżi li jużaw xi tip ta' konnessjoni tal-Internet b'linja fissa:	(51) veloċità massima kuntrattata tad-download tal-aktar konnessjoni veloċi tal-Internet b'linja fissa fil-firxiet: [0 Mbit/s, < 30 Mbit/s], [30 Mbit/s, < 100 Mbit/s], [100 Mbit/s, < 500 Mbit/s], [500 Mbit/s, < 1 Gbit/s], [≥ 1 Gbit/s]
	(iv) għall-intrapriżi li jwettqu laqgħat remoti	(52) li jkollhom xi linji gwida tas-sigurtà tal-ICT għat-twettiq ta' laqgħat remoti bl-Internet bħar-rekwiżit ta' password, kriptaġġ minn tarf sa tarf (53) id-disponibbiltà ta' linji gwida biex jiġu ffavoriti laqgħat remoti bl-Internet minflok ivvjaġġar fuq xogħol
	(v) għall-intrapriżi b'impjegati jew b'ħaddiema għal rashom li għandhom aċċess remot għas-sistema tal-email tal-intrapriża	(54) l-għadd ta' impjegati u ħaddiema għal rashom jew il-persentaġġ tat-total tal-impjegati u tal-ħaddiema għal rashom li għandhom aċċess remot għas-sistema tal-email tal-intrapriża
	(vi) għall-intrapriżi b'impjegati jew b'ħaddiema għal rashom li għandhom aċċess remot għad-dokumenti jew għall-applikazzjonijiet tan-negozju jew software tal-intrapriża	(55) l-għadd ta' impjegati u ħaddiema għal rashom jew il-persentaġġ tat-total tal-impjegati u tal-ħaddiema għal rashom li għandhom aċċess għad-dokumenti jew għall-applikazzjonijiet tan-negozju jew software tal-intrapriża
	(vii) għall-intrapriżi b'impjegati jew b'ħaddiema għal rashom li għandhom aċċess remot għas-sistema tal-email tal-intrapriża, jew għad-dokumenti jew għall-applikazzjonijiet tan-negozju jew software tal-intrapriża	(56) li jkollhom xi linji gwida tas-sigurtà tal-ICT għal aċċess remot bħar-rekwiżit li jitwettqu laqgħat remoti siguri b'password, projbizzjoni tal-użu tal-WiFi pubbliku għax-xogħol, l-użu ta' VPN, rekwiżiti rigward il-privatezza tad-*data*
	(viii) għall-intrapriżi li wettqu bejgħ bl-Internet, fis-sena kalendarja preċedenti:	(57) il-valur tal-bejgħ bl-Internet ta' oġġetti jew servizzi, jew il-persentaġġ tal-fatturat totali ġġenerat mill-bejgħ bl-Internet ta' oġġetti jew servizzi, fis-sena kalendarja preċedenti (58) il-persentaġġ tal-valur tal-bejgħ bl-Internet iġġenerat mill-bejgħ bl-Internet lil konsumaturi privati (minn Negozju għall-Konsumatur: B2C), fis-sena kalendarja preċedenti (59) il-persentaġġ tal-valur tal-bejgħ bl-Internet iġġenerat mill-bejgħ bl-Internet lil intrapriżi oħra (minn Negozju għal Negozju: B2B) u lis-settur pubbliku (minn Negozju għall-Gvern: B2G), fis-sena kalendarja preċedenti

Obbligatorju/fakultattiv	Ambitu (filtru)	Varjabbli
	(ix) għall-intrapriżi li wettqu bejgħ bl-Internet ta' oġġetti u servizzi fuq siti web jew apps tal-intrapriża u fuq siti web jew apps fis-suq tal-kummerċ elettroniku użati minn diversi intrapriżi għall-kummerċ ta' oġġetti jew servizzi, fis-sena kalendarja preċedenti:	(60) il-persentaġġ tal-valur tal-bejgħ bl-Internet ta' oġġetti jew servizzi ġġenerat mill-bejgħ fuq tas-siti web jew tal-apps tal-intrapriża, fis-sena kalendarja preċedenti (61) il-persentaġġ tal-valur tal-bejgħ bl-Internet ta' oġġetti u servizzi ġġenerat mill-bejgħ fuq siti web jew apps fis-suq tal-kummerċ elettroniku użati minn diversi intrapriżi għall-kummerċ ta' oġġetti jew servizzi, fis-sena kalendarja preċedenti
	(x) għall-intrapriżi li wettqu bejgħ tat-tip EDI ta' oġġetti jew servizzi, fis-sena kalendarja preċedenti:	(62) il-valur tal-bejgħ tat-tip EDI ta' oġġetti jew servizzi, jew il-persentaġġ tal-fatturat totali ġġenerat mill-bejgħ tat-tip EDI ta' oġġetti jew servizzi, fis-sena kalendarja preċedenti
	(xi) għall-intrapriżi li rreklutaw jew ippruvaw jirreklutaw speċjalisti fl-ICT fis-sena kalendarja preċedenti	(63) postijiet tax-xogħol battala għall-ispeċjalisti fl-ICT li kien diffiċli jimtlew
	(xii) għall-intrapriżi b'dokument (i) dwar miżuri, prattiki jew proċeduri tas-sigurtà tal-ICT	(64) l-aktar definizzjoni jew reviżjoni riċenti tad-dokument(i) tal-intrapriża dwar miżuri, prattiki jew proċeduri tas-sigurtà tal-ICT: fl-aħħar tnax-il xahar, aktar minn tnax-il xahar u sa erbgħa u għoxrin xahar ilu, aktar minn erbgħa u għoxrin xahar ilu
	(xiii) għall-intrapriżi li jużaw robots industrijali jew ta' servizzi	(65) raġunijiet li influwenzaw id-deċiżjoni li jintużaw ir-robots fl-intrapriża: kost lavorattiv għoli (66) raġunijiet li influwenzaw id-deċiżjoni li jintużaw ir-robots fl-intrapriża: diffikultajiet ta' reklutaġġ ta' persunal (67) raġunijiet li influwenzaw id-deċiżjoni li jintużaw ir-robots fl-intrapriża: biex titjieb is-sikurezza fuq il-post tax-xogħol (68) raġunijiet li influwenzaw id-deċiżjoni li jintużaw ir-robots fl-intrapriża: biex tkun żgurata preċiżjoni għolja jew kwalità standardizzata tal-proċessi u/jew tal-oġġetti u s-servizzi pprovduti (69) raġunijiet li influwenzaw id-deċiżjoni li jintużaw ir-robots fl-intrapriża: biex titwessa' l-firxa tal-oġġetti jew tas-servizzi pprovduti mill-intrapriża (70) raġunijiet li influwenzaw id-deċiżjoni li jintużaw ir-robots fl-intrapriża: minħabba inċentivi fiskali jew inċentivi governattivi oħra

Obbligatorju/fakultattiv	Ambitu (filtru)	Varjabbli
Varjabbli fakultattivi	(i) għall-intrapriżi b'impjegati u b'ħaddiema għal rashom li għandhom aċċess għall-Internet għal finijiet ta' negozju:	(1) l-għadd ta' impjegati u ta' ħaddiema għal rashom, jew il-persentaġġ tat-total tal-impjegati u tal-ħaddiema għal rashom li jużaw apparat portabbli mogħti mill-intrapriża li jippermetti konnessjoni tal-Internet fuq networks tat-telefonija mobbli għal finijiet ta' negozju
	(ii) għall-intrapriżi li wettqu bejgħ bl-Internet, fis-sena kalendarja preċedenti:	(2) il-bejgħ bl-Internet lil klijenti li jinsabu fil-pajjiż tagħhom stess, fis-sena kalendarja preċedenti (3) il-bejgħ bl-Internet lil klijenti li jinsabu fi Stati Membri oħra, fis-sena kalendarja preċedenti (4) il-bejgħ bl-Internet lil klijenti li jinsabu fil-bqija tad-dinja, fis-sena kalendarja preċedenti
	(iii) għall-intrapriżi li wettqu bejgħ bl-Internet lil klijenti li jinsabu f'mill-inqas tnejn miż-żoni ġeografiċi li ġejjin: f'pajjiżhom stess, fi Stati Membri oħra jew fil-bqija tad-dinja, fis-sena kalendarja preċedenti:	(5) il-persentaġġ tal-valur tal-bejgħ bl-Internet iġġenerat mill-bejgħ lil klijenti li jinsabu fil-pajjiż tal-intrapriża, fis-sena kalendarja preċedenti (6) il-persentaġġ tal-valur tal-bejgħ bl-Internet iġġenerat mill-bejgħ lil klijenti li jinsabu fi Stati Membri oħra, fis-sena kalendarja preċedenti (7) il-persentaġġ tal-valur tal-bejgħ bl-Internet iġġenerat mill-bejgħ lil klijenti li jinsabu fil-bqija tad-dinja, fis-sena kalendarja preċedenti
	(iv) għall-intrapriżi li wettqu bejgħ bl-Internet lil klijenti li jinsabu fi Stati Membri oħra, fis-sena kalendarja preċedenti:	(8) id-diffikultajiet esperjenzati waqt il-bejgħ lejn Stati Membri oħra: kostijiet għoljin għat-twassil jew għar-ritorn tal-prodotti, fis-sena kalendarja preċedenti (9) id-diffikultajiet esperjenzati waqt il-bejgħ lejn Stati Membri oħra: diffikultajiet relatati mar-riżoluzzjoni tal-ilmenti u t-tilwim, fis-sena kalendarja preċedenti (10) id-diffikultajiet esperjenzati waqt il-bejgħ lejn Stati Membri oħra: l-adattament tat-tikkettar tal-prodott għall-bejgħ fi Stati Membri oħra, fis-sena kalendarja preċedenti (11) id-diffikultajiet esperjenzati waqt il-bejgħ lejn Stati Membri oħra: nuqqas ta' għarfien ta' lingwi barranin għall-komunikazzjoni ma' klijenti fi Stati Membri oħra, fis-sena kalendarja preċedenti (12) id-diffikultajiet esperjenzati waqt il-bejgħ lejn Stati Membri oħra: restrizzjonijiet mis-sħab kummerċjali tal-intrapriża għall-bejgħ lil ċerti Stati Membri, fis-sena kalendarja preċedenti (13) id-diffikultajiet esperjenzati waqt il-bejgħ lejn Stati Membri oħra: id-diffikultajiet relatati mas-sistema tal-VAT fi Stati Membri oħra (bħal inċertezza rigward it-trattament tal-VAT f'pajjiżi differenti), fis-sena kalendarja preċedenti
	(v) għall-intrapriżi b'postijiet tax-xogħol battala għall-speċjalisti tal-ICT li kien diffiċli jimtlew, meta tentattivi ta' reklutaġġ ta' speċjalisti fl-ICT fis-sena kalendarja preċedenti:	(14) diffikultajiet fir-reklutaġġ ta' speċjalisti fl-ICT minħabba nuqqas ta' applikazzjonijiet, fis-sena kalendarja preċedenti (15) diffikultajiet fir-reklutaġġ ta' speċjalisti fl-ICT għax l-applikanti ma jkollhomx kwalifiki rilevanti relatati mal-ICT mill-edukazzjoni u/jew mit-taħriġ, fis-sena kalendarja preċedenti

Obbligatorju/fakultattiv	Ambitu (filtru)	Varjabbli
		(16) diffikultajiet fir-reklutaġġ ta' speċjalisti fl-ICT għax l-applikanti ma jkollhomx esperjenza tax-xogħol rilevanti, fis-sena kalendarja preċedenti (17) diffikultajiet fir-reklutaġġ ta' speċjalisti fl-ICT għax l-applikanti jkollhom aspettattivi għoljin ħafna fejn jidħol is-salarju, fis-sena kalendarja preċedenti
	(vi) għall-intrapriżi li jkollhom robots industrijali jew ta' servizzi	(18) l-għadd ta' robots industrijali u ta' servizzi użati mill-intrapriża

Unità tal-kejl	Ċifri assoluti, għajr għall-karatteristiċi relatati mal-fatturat fil-munita nazzjonali (eluf) jew persentaġġ tal-fatturat (totali)
Popolazzjoni statistika	*Kopertura tal-attività:* It-Taqsimiet C sa J, L sa N u l-grupp 95.1 tan-NACE *Kopertura tal-klassijiet tad-daqs:* Intrapriżi b'10 impjegati jew ħaddiema għal rashom jew aktar. Intrapriżi b'inqas minn 10 impjegati u ħaddiema għal rashom jistgħu jiġu koperti b'mod fakultattiv
Diżaggregazzjoni	*Diżaggregazzjoni tal-attività* **għall-kalkolu tal-aggregati nazzjonali:** — l-aggregati tat-taqsimiet u l-gruppi C+D+E+F+G+H+I+J+L+M+N+95.1, D+E tan-NACE — it-taqsimiet tan-NACE: C, F, G, H, I, J, L, M, N — id-diviżjonijiet tan-NACE: 47, 55 — l-aggregati tad-diviżjonijiet tan-NACE: 10 + 11 + 12 + 13 + 14 + 15 + 16 + 17 + 18, 19 + 20 + 21 + 22 + 23, 24 + 25, 26 + 27 + 28 + 29 + 30 + 31 + 32 + 33 — l-aggregati tad-diviżjonijiet u l-gruppi: 26.1 + 26.2 + 26.3 + 26.4 + 26.8 + 46.5 + 58.2 + 61 + 62 + 63.1 + 95.1 **għall-kontribuzzjoni lit-totali Ewropej biss** — it-taqsimiet tan-NACE: D, E — id-diviżjonijiet tan-NACE: 19, 20, 21, 26, 27, 28, 45, 46, 61, 72, 79 — il-grupp tan-NACE: 95.1 — l-aggregati tad-diviżjonijiet tan-NACE: 10 + 11 + 12, 13 + 14 + 15, 16 + 17 + 18, 22 + 23, 29 + 30, 31 + 32 + 33, 58 + 59 + 60, 62 + 63, 69 + 70 + 71, 73 + 74 + 75, 77 + 78 + 80 + 81 + 82 *Il-klassi tad-daqs tal-għadd ta' impjegati u ħaddiema għal rashom:* 10+, 10-49, 50-249, 250+; fakultattiva: 0-9, 0-1, 2-9
Skadenza għat-trażmissjoni tad-*data*	fil-5 ta' Ottubru 2022.